# Vincenzo Maria Cremona (1851-1912)

## Xenografu ta' ħila u Statwarju ta' kalibru

**■ Fabian Mangion**

Ninsabu fit-tieni nofs tas-seklu dsatax. Mil-lat storiku, bejn l-1853 u l-1856, allura waqt il-Gwerra tal-Krimea, f'Malta kien hawn ħafna kummerċ u din il-gżira saret bażi navali u militari importanti. Wara l-gwerra l-kummerċ reġa' naqas, iżda reġa' żdied meta nfetaħ il-Kanal tas-Suez fl-1869.

Fl-aħħar kwart tas-seklu seħħ progress ieħor f'diversi setturi, fosthom il-fondazzjoni tal-Bank Anglo-Eġizzjan fl-1882, il-bidu tal-vapur tal-art fl-1883, u r-riforma tas-servizzi postali fl-1885.

Żgur li nkunu nonqsu, iżda, jekk ma nirrimarkawx li dawn kienu snin ta' glorja fil-qasam tal-arti f'pajjiżna. Dan jista' jingħad mhux biss minħabba l-bini tat-Teatru Rjal fid-daħla tal-Belt Valletta, imma wkoll minħabba l-fatt li f'dan il-perjodu għadd mhux żgħir ta' artisti – skulturi, pitturi u statwarji –, bosta minnhom imwielda madwar il-Port il-Kbir, kienu fil- maturità tal-karriera artistika tagħhom.

Minn fost l-iskulturi spikkaw Pietru Pawl Azzopardi (il-Belt Valletta, 1791-1895), Salvatore Dimech (il-Mosta, 1805-1887) u Anton Busuttil (ir-Rabat, 1822-1882).

Minn fost il-pitturi rkaċċaw Michele Bellanti (il-Belt Valletta, 1807-1883), Raffaele Caruana (il-Belt Valletta, 1820-1886), Ignazio Cortis (il-Belt Valletta, 1826-1898), Giuseppe Calleja (il-Belt Valletta, 1828-1915), Giuseppe Bonnici (l-Isla, 1835-1900), Giuseppe Calì (il-Belt Valletta, 1846-1930) u Lazzaro Pisani (Ħaż-Żebbuġ, 1854-1932).

Fost l-istatwarji ħarġu fid-dieher Giovanni Darmanin (l-Isla, 1817-1908), Karlu Darmanin (l-Isla, 1825-1909), Gerolamo Darmanin (l-Isla, 1834-1879) u Abram Gatt (Bormla, 1863-1944).

Mingħajr l-iċken dubju, fost dawn kollha għandu jinżamm fil-għoli, fuq pjattaforma, ix-xenografu u statwarju Belti Vincenzo Maria Cremona.



Vincenzo Maria Cremona.
*(Żejt fuq it-tila minn Emvin Cremona)*

### Iben il-Belt l-aktar umli

Jidher li l-Familja Cremona kellha rabtiet kbar mal-Belt Valletta. F'jum il-Vitorja, 8 ta' Settembru 1841, seħħ żwieġ bejn Francesco Cremona u Paola Bonello fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta.

F'din il-familja, bejn l-1843 u l-1858, twieldu disa' wlied li lkoll ħadu l-magħmudija tagħhom fil-Parroċċa tal-Porto Salvo, il-Belt Valletta.

Vincenzo, il-ħames wild, twieled il-Belt Valletta fid-19 ta' Frar 1851. L-għada li twieled, ġie mgħammed minn Patri Giuseppe Bugeja OP fil-Knisja parrokkjali ta' Sidtna Marija ta' Porto Salvo. Flimkien mal-isem Vincenzo Maria, li bih kellu jibqa' jissejjaħ, fil-fonti ġie msemmi wkoll Giuseppe u Domenico. Il-parrini kienu Ignazio u Carmela Bonello.


567
Die Vigesima Februarii 1851.
Ego Pat. Lect. Fr. Josephus Bugeja Bapt. Infan. natum heri ex
Francisco Cremona et Paula Bonello conjug. Cui impo. nomen fuit
Cremona — Vincentius Maria, Josephus, Dominicus. Patrini fuere Ignatius
Bonello, et Carmela Bonello.

Ir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija ta' Vincenzo Cremona.
*(Ħajr lill-Parroċċa ta' Sidtna Marija ta' Porto Salvo, il-Belt Valletta)*

Francesco, missier Vincenzo, kellu s-sengħa ta' ħajjat. F'xi żmien wara l-1856, il-Familja Cremona marret toqgħod f'Tas-Sliema. Fil-fatt, Vincenzo Cremona, li kellu l-ħanut tiegħu f'Nru 12, Strada Cattedrale, baqa' jgħix f'Tas-Sliema tul ħajtu kollha u kellu rabta ta' mħabba kbira ma' dan il-post.



Il-ħanut ta' Vincenzo Cremona fi Triq il-Katidral, Tas-Sliema.

Tagħrif dwar it-tfulija u ż-żgħożija ta' Vincenzo hu mitluf fiż-żmien. Nafu iżda li lejn l-1878 u fuq talba tal-Onorevoli Ramiro Barbaro di San Giorgio (1840-1920), Vincenzo ġie magħżul mill-Gvern Malti sabiex imur għal xahrejn f'Napli jitħarreġ sew fil-materja tax-xenografija "taħt id-direzzjoni tal-Professuri Corazza, Masi u Marchino". Jibqa' kurjuż il-fatt kif la hu nnifsu u lanqas ħaddieħor ma wasslilna tagħrif dwar l-istudji tiegħu f'din il-belt Taljana, għanja b'ħafna ħwienet tax-xogħol tal-arti u b'ħafna nies li jħobbu l-arti.


Vincentius Cremona cum M. Concepta Axisa

Anno 1887 Mense Octobri Die 9a
Tribus praemissis denuntiationibus, nulloque legitimo impedimento detecto, ego Franciscus Vincentius Manchi Parochus interrogavi, Vincentius Mariam Cremona fil. legit. et nat. quond. Francisci Cremona et Paulae Bonello, et M. Conceptam Axisa fil. virg. legit. et nat. Pauli et Ursolae Agius meos parochianos, eorumque mutuo consensu habito per verba de praesenti eos solemniter matrimonio conjunxit coram notis testibus Dno Josepho Zimelli fil. Dni Hectoris et Eduardo Azzopardi filio quond. Francisci ambobus de hac Parochia.

Ir-reġistrazzjoni taż-żwieġ ta' Vincenzo Cremona.
*(Ħajr lill-Parroċċa ta' Stella Maris, Tas-Sliema)*

Fid-9 ta' Ottubru 1887, Vincenzo żżewweġ lil Concepta, bint Paolo Axisa u Ursola Agius. Iż-żwieġ ġie ċċelebrat fil-Knisja parrokkjali ta' Stella Maris, Tas-Sliema, quddiem Dun Vinċenz Manchè, Kappillan tal-istess parroċċa. Ix-xhieda kienu Giuseppe Zimelli, iben Ettore u qarib ta' Vincenzo, u Eduardo Azzopardi, iben Francesco.

**Xenografu**

Skont l-istoriku Giovanni Faurè, Vincenzo Cremona laħaq xenografu – wieħed li jpitter u joħloq ix-xeni li jintużaw bħala sfond għal waqt rappreżentazzjonijiet teatrali – tat-Teatru Rjal fis-sena 1873.

Ġara iżda li l-Ħadd 25 ta' Mejju 1873 kien qed isir il-kunċert ġenerali tal-opra ġdida *La Vergine del Castello* ta' Mro Privitera u li għalih kienu mistiedna l-ġurnalisti u ħafna nies prominenti Maltin u Ingliżi. Kien miexi kollox ħarir, sakemm fid-9.00pm l-entużjażmu li kienet qiegħda tqajjem din il-produzzjoni nbidel f'għajat ta' twerwir u ajjut, għax f'leħħa ta' berqa l-palk inbidel f'ħuġġieġa waħda.

Is-Sibt 29 ta' Settembru 1877, it-Teatru Rjal, mibni mill-ġdid, infetaħ għall-pubbliku biex kulħadd ikun jista' jgawdi l-ġmiel artistiku ta' dan it-tempju kulturali. Iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni saret mill-Aġent Gvernatur Sir James Airey u għaliha attendew l-aqwa nies ta' pajjiżna kif ukoll għadd ta' barranin li kienu Malta. L-istaġun operistiku beda l-Ħamis 11 ta' Ottubru 1877 bl-opra *Aida* ta' Giuseppe Verdi, taħt id-direzzjoni ta' Mro Salvatore Sabatelli.

B'hekk kollox jindika li l-ħidma artistika ta' Vincenzo Cremona fi ħdan l-istess teatru bdiet sewwa fl-1877.

Mis-7 ta' Mejju 1870 sat-2 ta' April 1881, Ettore Zimelli, li bi probabbiltà kbira kien qarib ta' Vincenzo, kien l-Impreżarju tat-Teatru Rjal. L-impriża ta' wara Zimelli, sal-1885, tmexxiet minn Giuseppe W. Malfiggiani, u bejn l-1885 u l-1890 kienet f'idejn Mro Antonio Nani. Kienu snin li matulhom ġew esegwiti bosta opri, u għalhekk nistgħu korrettement ngħidu li dan kien l-ambjent li Cremona ħadem fih u l-perjodu li fih ressaq għadd ta' disinni u skizzi għall-palk tat-teatru, u pitter xi xeni għall-opri.

Tajjeb hawn jingħad li fil-qasam tal-istorja tal-arti l-istudju tax-xenografija jinsab imxekkel minn ċerti diffikultajiet. Ix-xenarji tat-teatri rari jinħelsu mill-ħerba taż-żmien, filwaqt li illustrazzjonijiet tax-xenarji tat-teatri Maltin ma jinstabux fl-idejn. Dan ifisser li sal-lum, b'xorti ħażina u b'dispjaċir, ħadd ma jista' jasal għal rendikont veru u sħiħ ta' ħidmet Vincenzo Cremona f'dan il-qasam.

Madankollu nafu li għall-aħħar ta' Marzu 1877, is-Segretarju Prinċipali tal-Gvern, filwaqt li ħabbar li l-bini mill-ġdid tat-Teatru kien tlesta u fadal biss xi rqaqat, qal li l-Gvern kien ordna tnax-il xena ġdida li kellhom jitlestew fuq it-tila qabel ma f'Ottubru ta' dik is-sena jibda staġun ġdid. Il-pittur magħżul biex jagħmel dawn ix-xeni kien iż-żagħżugħ Vincenzo Cremona. Dawn kienu t-torri tal-ewwel att tal-opra *Il Trovatore*, il-ġnien tal-ewwel att tal-opra *Lucia di Lammermoor*, il-ġnien ta' *La Favorita*, il-kmajra ta' *Un Ballo in Maschera*, kamra rustika, ċella f'ħabs, kosta, villaġġ, kamra sempliċi, għar f'faċċata ta' blat għoli li jħares lejn il-baħar, bosk u pjazza f'raħal. Cremona wkoll ħejja x-xeni għall-opra *Il Domine Nero* li rappreżentazzjoni tagħha saret fid-9 ta' Marzu 1878.

Wara nuqqas ta' tmien snin li l-poplu Malti kien ilu jistenna biex jara fuq il-palk ta' pajjiżu opra ta' kompożitur Malti, tfaċċat *Agnese Visconti*, b'mużika ta' Mro Antonio Nani. Għal din il-produzzjoni saru tħejjijiet speċjali u, fost l-oħrajn, ix-xenografu Cremona pinġa sitt xeni ta' ġmiel liema bħalu. L-ewwel rappreżentazzjoni ta' *Agnese Visconti* saret il-Ħadd 13 ta' Jannar 1889.

Aktar tard, l-Impreżarju Malfiggiani xtaq li jiċċelebra bil-kbir l-għaxar staġun tal-opra *Ernani* ta' Giuseppe Verdi fit-Teatru Rjal. Għalhekk, ordna sett xeni ġodda li saru minn Vincenzo Cremona. L-ewwel rappreżentazzjoni saret il-Ħamis 3 ta' Diċembru 1891 quddiem teatru mballat bin-nies.


Il-faċċata prinċipali tat-Teatru Rjal fejn Cremona ħadem bħala xenografu.

Fil-21 ta' Mejju 1892, Ruggero Leoncavallo ppreżenta għall-ewwel darba l-opra tiegħu *I Pagliacci* fit-Teatro del Verme f'Milan. Sentejn wara, fis-27 ta' Marzu 1894, saret għall-ewwel darba f'Malta rappreżentazzjoni ta' din l-opra, li hija dramm liriku fi prologu u żewġ atti. Is-sett tax-xeni għal din l-opra saru wkoll minn Cremona.

L-ewwel rappreżentazzjoni dinjija tal-opra *Tosca* ta' Giacomo Puccini saret fl-14 ta' Jannar 1900 fit-Teatro Costanzi ta' Ruma. F'Malta din ittellgħet għall-ewwel darba fit-Teatru Rjal nhar l-4 ta' Marzu 1903. Waqt l-eżekuzzjoni ta' din l-opra laqtu ħafna l-għajn it-tliet xeni mill-isbaħ li pinġa Cremona li kienu fidili ħafna mal-oriġinalità tal-lokalitajiet li jirrappreżentaw, kif jitlob il-librett ta' Giacosa u Illica.

Ħidmet Cremona fit-teatru tagħti ħjiel ta' kif setgħet bdiet il-ħajra tiegħu għall-istatwi tal-kartapesta. F'dan il-qasam xogħlu kien li joħloq xeni li jservu bħala sfond għall-opri u xogħol teatrali ieħor. Filwaqt li hu kien responsabbli biex joħloq ambjent fittizju fuq il-palk, huwa kien jaħdem ukoll xi strutturi oħra li kien ikun hemm bżonn f'xi xeni partikulari, bħal ngħidu aħna siġar, blat, biċċiet ta' arkitettura falza, u oħrajn. Mhix ħaġa kbira li f'Napli tħarreġ ukoll f'dan it-tip ta' xogħol.

Filwaqt li Cremona dam impenjat fix-xena operistika ta' pajjiżna sal-1906, kien ukoll f'dan iż-żmien li żied element ġdid fil-qasam tad-drawwiet artistiċi tal-festi nazzjonali ta' pajjiżna. Għall-festi tal-*Otto Settembre* tal-1895, Cremona ħadem erba' figuri tal-kartapesta li jirrappreżentaw l-Assedju l-Kbir u r-Rebħa tal-Kavallieri u l-Maltin.

Dawn ix-xogħlijiet kienu rrappurtati fil-ġurnali ta' dak iż-żmien fejn, fost l-oħrajn, inkiteb li *"la Festa del Otto Settembre fu celebrata Domenica scorsa alla Sliema e riuscì molto splendida. L'illuminazione fu bellissima e bellissimi i quadri plastici rappresentanti l'assedio e la vittoria, diretti dall'artista Signor V. Cremona"*. Bi probabbiltà kbira, dan ix-xogħol – imsejjaħ *"novità"* f'ġurnal ieħor tal-istess sena – kien ispirat mill-ambjent tal-palk u x-xenografija li Cremona kien jaħdem fihom.

**Statwarju**

Madankollu, fl-istorja tal-arti popolari ta' pajjiżna Vincenzo Cremona baqa' jissemma l-aktar għall-ħidma tiegħu ta' statwarju. M'hemmx dubju li l-familjarità tiegħu mat-teatru wasslitu sabiex fir-rappreżentazzjonijiet tiegħu fl-istatwi tal-kartapesta li, b'mod partikolari, ħadem għall-armar ta' barra, huwa kien joħloq bħal xeni statiċi fejn kull figura tkun qisha attur jew attriċi f'xi opra kemm fil-ġesti u kemm fil-pożizzjoni tagħha. Mudellatur u speċjalista fit-teknika tal-kartapesta kif kien, aktarx li Cremona qatt ma tħajjar jaħdem xogħol ta' skultura fl-injam.

Fis-seklu dsatax xterdet id-drawwa li tat bidu għall-iżvilupp fl-arti popolari ta' pajjiżna. Kien perjodu li fih kibret sewwa l-użanza tat-tiżjin tat-triqat u l-pjazez bl-istatwi tal-qaddisin, episodji minn ħajjithom u anġli, fost l-oħrajn, għal matul il-jiem tal-festi titulari tal-ibliet u l-irħula Maltin. L-istatwarji Karlu Darmanin (1825-1909) u Vincenzo Cremona komplew ħeġġew din id-drawwa b'ħidmiethom. Quddiem dan ix-xenarju, għalhekk, jidher ċar li ħidmet Cremona f'din il-fergħa ta' arti popolari kienet fl-aqwa tagħha matul l-aħħar għoxrin sena tas-seklu dsatax.

Tagħrif dwar statwi li ħadem Cremona prinċipalment niksbuh mil-lista ta' xogħlijiet magħmula mill-istoriku Giovanni Faurè u minn informazzjoni li jwasslulna ġurnali lokali tal-epoka fejn numru mhux ħażin ta' ammiraturi ta' Cremona ddokumentaw l-inawgurazzjoni ta' xogħlijiet ġodda tiegħu permezz ta' ittri jew avviżi.

***Fir-Rabat, Għawdex***

Għall-Festa ta' San Ġorġ li tiġi ċċelebrata fir-Rabat, Għawdex, ħadem il-figura ta' San Ġorġ rebbieħ fuq id-dragun. Dwar dan f'ġurnal lokali nkiteb: *"Mr Cremona of no. 12 Strada Cattedrale, Sliema, has produced many works of art to which we have made reference in our columns from time to time.*

*His studio is well worth a visit, and we believe that candid judges of skill in his line of ingenious modelling, will be surprised at his life like productions. True fictile art is based on fidelity to nature, and his latest productions are worthy of his rising name.*



San Ġorġ Rebbieħ fuq id-dragun fir-Rabat, Għawdex.

*St George's statue which he dispatched to Gozo, a few days since, is faithful to the beau-ideal of a young man calm in conscious strength, mail-clad as if for mortal combat, trending upon and transfixing with a bright sharp spear an awful-looking green dragon!*

*His cloak elegantly draped, and coloured in harmonious tones bordered with guilding, his breast-plate and buskins of real metal, and every detail, make up a perfect warrior. Visitors have admired this statue very much, and indeed we ourselves could not fail to do".*

Ħadem ukoll l-erba' statwi allegoriċi tal-Fidi, it-Tama, il-Karità u l-Qawwa li llum narawhom iżejnu Pjazza Indipendenza, magħrufa bħala t-Tokk, u erba' anġli. Ħadem ukoll anġlu li jirraffigura l-mużika li kien sar għal fuq palk.



Statwi allegoriċi – il-Karità u t-Tama – fir-Rabat, Għawdex.

Fis-sena 1894, il-Banda Leone żanżnet l-istatwa tal-Papa Ljun XIII, xogħol l-istatwarju Vincenzo Cremona. Din l-istatwa, li oriġinarjament kienet tintrama fuq pedestall quddiem il-Banca Giuratale fit-Tokk, kienet saħħret lil kulħadd għas-sbuħija tagħha.



L-Anġlu li sar minn Cremona għal fuq il-palk tal-Banda fil-Festa ta' San Ġorġ fir-Rabat, Għawdex.



Monument lill-Papa Ljun XIII li fil-Festa ta' Santa Marija fir-Rabat, Għawdex, kien jintrama quddiem il-Banca Giuratale.

Ta' Cremona huma wkoll iż-żewġ anġli għal mal-palk tal-banda u xi anġli oħra li jintramaw għall-Festa ta' Santa Marija fir-Rabat, Għawdex.

### *F'Ħal Qormi*

Cremona ħadem statwi oħra b'tema Ġorġjana. Minn idejh ħarġu ż-żewġ figuri li jirrappreżentaw il-ġenituri ta' San Ġorġ – Ġeronzju u Polikronja – għall-Parroċċa ta' Ħal Qormi (1893). Imbagħad, bosta ritratti jfakkru l-fatt



Il-ġenituri ta' San Ġorġ – Polikronja u Ġeronzju – li Cremona ħadem għall-Festa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi. *(Ħajr lil Clayton Grech)*

storiku li Cremona ħadem ukoll statwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel għall-festa esterna ta' Ħal Qormi (1906). F'ritratt partikulari naraw din l-istess statwa quddiem il-ħanut ta' Cremona, fi Strada Cattedrale, Tas-Sliema.



L-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel fi Triq il-Katidral, Tas-Sliema, quddiem il-ħanut ta' Cremona, qabel ma ttieħdet lejn Ħal Qormi.

## *Fil-Belt Valletta*

Fl-1892, għall-Festa ta' San Pawl Nawfragu, tal-Belt Valletta, Cremona ħadem l-erba' statwi allegoriċi li jirrappreżentaw l-erba' kontinenti – l-Ewropa, l-Asja, l-Afrika u l-Amerika. Dawn kienu jintramaw fi Pjazza Reġina flimkien ma' statwa ta' Malta Pawlina f'nofshom li saret fl-1896.

Ta' Cremona wkoll kien il-monument tal-Papa Ljun XIII flimkien ma' erba' anġli n-naħa ta' isfel tal-pedestall li jidhru jżommu simboli – baklu, standard ta' Malta u salib – b'wieħed minnhom, dak tal-faċċata, iżomm il-Bolla Papali tal-erezzjoni tal-Festa tal-10 ta' Frar għal waħda Kmandata fid-Djoċesijiet ta' Malta u Għawdex, kif mogħtija minnu fl-1888. L-erba' puttini ta' bejniethom, iżommu skudetti ornamentali, għadhom jeżistu u jintramaw illum mal-Papa.





Tnejn mill-erba' statwi allegoriċi tal-erba' kontinenti li Cremona ħadem għall-Festa ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta. (Ħajr lil Robert Cassar)



Statwa allegorika ta' Malta Pawlina li Cremona ħadem għall-Festa ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta. *(Ħajr lil Robert Cassar)*



Monument lill-Papa Ljun XIII li Cremona ħadem għall-Festa ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta. *(Ħajr lil Robert Cassar)*

Għall-istess lokalità, iżda din id-darba għall-Festa ta' San Duminku, Cremona ħadem il-figuri tal-Papiet Dumnikani l-Beatu Benedittu XI, il-Beatu Innoċenzu V, San Piju V u Benedittu XIII.





Il-Beatu Innoċenz V u San Piju V minn sett ta' erba' Papiet li Cremona ħadem għall-Festa ta' San Duminku, il-Belt Valletta. *(Ħajr lil Mark Micallef Perconte)*

## *Fil-Birgu*

Għall-Festa titulari ta' San Lawrenz tal-Birgu, fl-1898, Cremona ħadem l-istatwa ta' San Lawrenz jagħti d-dawl lill-għomja li titla' bil-briju nhar it-8 ta' Awwissu ta' kull sena, kif ukoll l-erba' anġli li kienu jintramaw mal-istatwa tal-ġebel tal-qaddis fil-pjazza ewlenija tal-belt.



San Lawrenz jagħti d-dawl lill-għomja, fil-Birgu.

Jissemmew ukoll statwi ta' barra tal-qaddisin Dumnikani Rosa ta' Lima u Katerina ta' Siena flimkien mal-Beatu Ġakbu ta' Mevania għall-Festa ta' San Duminku ċċelebrata fl-istess belt.

### *F'Ħaż-Żebbuġ*

Għall-Festa ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ, Cremona kien ħadem l-istatwi tal-Papiet Piju IX, li kien bierek u ta l-indulġenzi lill-vara ta' San Filep, u Ljun XIII, li ta t-talba tal-istess qaddis, tal-qaddisin San Ewsebju, Konfessur u Kompatrun ta' Aggira, u San Filippu, Djaknu, u tal-Gran Mastru De Rohan.





San Filippu u San Ewsebju armati fuq iz-zuntier tal-Knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ. *(Ħajr lil Mark Micallef Perconte)*

### *F'Ħal Għaxaq*

Għall-Festa ta' Santa Marija f'Ħal Għaxaq, Cremona ħadem għaxar Appostli, l-istatwa tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna, u dawk ta' Sant'Anna u San Ġwakkin.

### *Fin-Naxxar*

Għall-Festa ta' Marija Bambina fin-Naxxar, fl-1896, Cremona ħadem l-istatwa ta' Malta tagħti ġieħ lill-Bambina u sett ta' statwi li fosthom insibu l-figuri ta' Sant'Anna u San Ġwakkin, flimkien ma' tmien nisa magħrufa mit-Testment il-Qadim, bħal Sara, Ester, Rebekka u Ġagħel, li jfissrulna b'ċertu mod il-persuna u l-missjoni ta' Marija fl-opra tas-salvazzjoni qabel it-twelid tagħha.





Rebekka u Debora minn sett ta' nisa bibliċi fit-toroq tan-Naxxar.
*(Ħajr lil Mark Micallef Perconte)*

### *Fil-Furjana*

Għall-Festa esterna ta' San Publiju, li tiġi ċċelebrata fil-Furjana, Cremona ħadem statwa li tirrappreżenta lil Malta. Tiegħu wkoll huma l-istatwi tal-Papiet Girgor XVI u Ljun XIII, li kienu jintramaw quddiem il-knisja fil-festa, bħalma kienet ix-xena statwarja li turi l-laqgħa bejn Publiju u Pawlu, flimkien ma' ċenturjun Ruman Ġulju, b'San Luqa u San Trofimu jassistu għal din il-laqgħa, li wkoll kienet tintrama fuq pedestall quddiem il-Knisja arċipretali tal-Furjana.



Il-Papa Ljun XIII ta' Cremona armat quddiem il-Knisja arċipretali tal-Furjana fl-24 ta' Mejju 1903 fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-fidda tal-pontifikat.

### *F'Tas-Sliema*

Is-Slimiżi tal-Parroċċa ta' Stella Maris ukoll tħeġġu biex jiċċelebraw bl-akbar pompa l-festa titulari tagħhom. Għaldaqstant, b'rabta mat-tiżjin tat-toroq, fl-okkażjoni tal-Festa ta' Stella Maris tal-1895, ġew inawgurati żewġ statwi oħra ta' Cremona. Dawn kienu d-Disfatta tal-Ereżija u t-Trijonf tal-Verġni. Il-korrispondent li wassal tagħrif dwar din il-kummissjoni jikteb: *"In occasione della Festa di Stella Maris alla Sliema furono ammirate molto due belle statue del Sig. Vin. Cremona rappresentanti La Disfatta dell'Eresia e Il Trionfo della Vergine. Sono due opere molto ben concepite e di eccellente esecuzione la quali mostrano grande abilità nell'artista che pertanto si meritò la lode di tutti gl'intelligenti. Il signor Cremona ci dà spesso di simili lavori ed e a ragione tenuto come uno dei migliori artisti nostrali".*

***F'Ħal Balzan***

Dan huwa wieħed mill-aktar postijiet li kkummissjona statwi dekorattivi lil Vincenzo Cremona. X'aktarx li l-ewwel statwa li ħadem għal dan ir-raħal kienet dik tal-anġlu allegoriku li jirrappreżenta r-rebħa tal-purezza tal-Madonna fuq il-ħażen tas-serp, li tintrama fi Triq il-Kbira, biswit il-Knisja parrokkjali. Pjanċa mwaħħla mal-pedata ta' din l-istatwa turi li saret fl-1898.

Lejn l-1901, Cremona ħadem ukoll l-istatwa ta' Ġuditta li,



L-istatwa ta' Ġuditta, fl-oriġinal tagħha, li Cremona ħadem għal Ħal Balzan.
*(Ħajr lil Carmel Bezzina)*



Anġlu allegoriku li jirrappreżenta r-rebħa tal-purezza tal-Madonna fuq il-ħażen tas-serp, maħdum minn Cremona għal Ħal Balzan.
*(Ħajr lil Carmel Bezzina)*

meta saret, kellha dehra ferm differenti minn dik tal-lum. L-artist qiegħed lil din il-figura f'kuntest verament reali, wieqfa fuq blata kbira u mżejna bi friegħi reali ta' siġra. B'idha l-leminija mgħollija 'l fuq iżżomm ix-ximitarra u bl-oħra quddiemha żżomm ras Oloferne, Ġuditta hija hawn ippreżentata qisha waqt l-att aħħari ta' xi xena operistika, tistenna l-applaws wara dan il-ġest kuraġġuż tagħha. Maġenbha, mitluq fuq struttura ġeblija, Cremona qiegħed il-ġisem bla ħajja u bla ras tal-ġeneral Oloferne, bil-lanza u oġġetti oħra militari mdawrin miegħu.

Fl-istess żmien li fih ħadem lil Ġuditta, Cremona ħadem sett ta' figuri bibliċi. Fost dawn hemm il-figuri ta' Ester u Abigajl, li jintramaw fuq iz-zuntier tal-knisja, u l-profeti u patrijarki, li jintramaw fi Triq il-Kbira. Jingħad li dawn inħadmu bejn l-1903 u l-1911.

Fl-1906, Cremona ħadem statwa oħra għall-Festa ta' Ħal Balzan. Din kienet tirrappreżenta lill-Papa Ljun XIII qed iqum minn fuq is-sedja pontifiċja waqt li jbierek. Aktar minn sempliċi statwa bħall-oħrajn biex titqiegħed fuq pedestall, dik kellha aktar xeħta ta' monument temporanju lil dan il-Papa.

***Fir-Rabat, Malta***

L-istatwa allegorika ta' Malta li nsibu armata għall-Festa ta' San Ġużepp fir-Rabat tal-Imdina għandha l-karatteristiċi kollha li wieħed isib fir-rappreżentazzjonijiet u l-istil tal-istatwarju Vincenzo Cremona li sawwarha fl-1899. Fiha naraw mara gwerriera wieqfa fuq kollezzjoni ta' armi militari magħmula minn tarek, elmijiet, lanez u mazez.

Flimkien ma' din l-istatwa, Cremona ħadem żewġ anġli, li f'idejhom iżommu simboli marbutin ma' San Ġużepp, u li għadhom sal-lum jintramaw viċin l-istatwa ta' Malta fi Pjazza L'Isle Adam.

***Fiż-Żejtun u ż-Żurrieq***



Statwa allegorika ta' Malta fir-Rabat, Malta.
*(Ħajr lil Mark Micallef Perconte)*

Ikun nuqqas kbir jekk, f'din il-lista, jitħallew barra l-istatwi tiegħu fiż-Żurrieq u fiż-Żejtun. *"Cartapesta statues of this type were also produced by Vincenzo Cremona, who was responsible for the large Żejtun groups of the Beheading of St Catherine and the Mystic Marriage of St Catherine. For Żurrieq, he produced in 1899 an ambitious Catherine on the Spiked Wheel with flying angels and dying men hit by splinters of the wheel; and a smaller statue on the same theme which has a fine wooden plinth designed by Emmanuele Buhagiar (1876-1962), who also executed the carving".*

Fiż-Żurrieq naraw ukoll sett ta' sitt statwi ta' għorrief u



Statwa tal-martirju ta' Santa Katerina li tintrama fiż-Żejtun.
*(Ħajr lil Mark Micallef Perconte)*



Statwa li turi ż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katerina li kienet tintrama fiż-Żejtun.

filosfi. Dawn jintramaw fi Pjazza Repubblika li, flimkien mal-istatwa ta' Santa Katerina magħmula wkoll minn Cremona, jiffurmaw bħal *tableau* tad-disputa.

Mhux possibbli li hawn tingħata lista sħiħa tax-xogħlijiet kollha li ħarġu minn idejn Cremona għat-tiżjin tat-toroq fil-festi. Cremona kellu sengħa biex jimmudella statwi kollhom ħlewwa, kultant f'qagħdiet drammatiċi, iżda



Il-martirju tar-rota ta' Santa Katerina kif irrappreżentat minn Cremona f'din l-istatwa fiż-Żurrieq. *(Ħajr lil Mark Micallef Perconte)*

dejjem imżejna bi lbies ta' lwien vivaċi. Din hija ħaġa oħra li tissuġġerixxi li l-istatwarju aktarx kien influwenzat mill-moda u mill-kostumi tar-rappreżentazzjonijiet teatrali. Fil-fatt, "kien jagħti xeħta teatrali lill-figuri tiegħu, donnhom ikellmuk bil-mossi ta' jdejhom, u jżidilhom il-ħajja billi juri ħwejjiġhom imtajrin bir-riħ". Kien stil li għoġob ħafna l-gosti popolari ta' żmienu u li offra spettaklu fit-triqat u l-pjazez.

***Statwi devozzjonali***

Inkunu niżbaljaw, iżda, jekk nassoċjaw isem dan l-istatwarju ma' statwi li nħadmu għat-tiżjin tat-toroq. Dan għaliex, fil-knejjes tagħna, għandna għadd ta' statwi ta' Cremona. Fost dawn nistgħu nsemmu ta' Sant'Agata f'Ħaż-Żebbuġ li saret fl-1895 u ta' San Alwiġi Gonzaga fin-Naxxar u fiż-Żurrieq.

Vincenzo Cremona kien ukoll l-awtur taż-żewġ suldati Rumani ma' Kristu



Statwa ta' Sant'Agata f'Ħaż-Żebbuġ

Rxoxt (1891), kif ukoll tal-istatwa ta' San Franġisk fil-glorja li nsibu fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi.

Fil-Knisja parrokkjali tal-Porto Salvo, il-Belt Valletta, għandna ż-żewġ anġli adoraturi tal-Altar tar-Repożizzjoni, żewġ putti li jintramaw mal-mant tad-Duluri, u Kurċifiss bil-ġogi jiċċaqilqu li kien jintuża fil-Prietka tat-Tliet Sigħat.

Fil-31 ta' Lulju 1895, il-Komunità tal-Kunvent tal-Lunzjata fil-Birgu rċeviet digriet mill-Isqof Pietru Pace li bih ġiet approvata s-supplika biex issir purċissjoni nhar il-Festa ta' San Duminku. Għal din l-okkażjoni speċjali l-patrijiet xtaqu li ssir statwa ġdida u, minkejja ż-żmien limitat li kellu, Vincenzo Cremona aċċetta l-kummissjoni. Nhar l-10 ta' Settembru, fil-5.30pm, mill-ħanut tiegħu f'Tas-Sliema, l-istatwa tgħabbiet fuq dgħajsa li kellha twassalha sax-Xatt tal-Birgu fejn intlaqgħet bil-briju mill-folla. Tniżżlet mal-moll quddiem il-fran tal-Ammiral (illum il-Mużew Marittimu) u minn hemm il-Banda Duke of York's Own (illum Prince of Wales Own) wasslitha bid-daqq ta' marċi brijużi sal-Knisja Dumnikana tal-Lunzjata minn Triq San Lawrenz lejn il-Pjazza u Triq il-Mina l-Kbira.

Xogħol ieħor importanti fil-karriera artistika ta' Cremona huwa dak marbut ma' Tas-Sliema. Il-Knisja ddedikata lil Sidtna Marija Kewkba tal-Baħar ħadet il-limiti kollha tagħha u ġiet elevata għad-dinjità ta' parroċċa b'digriet tal-1878 iffirmat mill-Isqof Carmelo Scicluna. Fl-1887, Cremona kien għadu kif lesta statwa sabiħa u artistika tal-Madonna Stella Maris.

Inkiteb li "l-istatwa tal-kartapesta kkulurita u indurata kif jixraq turi lill-Verġni Marija wieqfa fuq il-mewġ tal-baħar imqanqal li jikkalma b'sinjal ta' idha. Fejn saqajn il-Madonna, fin-nofs, hemm ankra miksura, nofsha mgħarrqa, miżmuma minn anġlu sbejjaħ, waqt li anġlu ieħor fuq il-lemin qed jitlob b'idejh miftuħa, u anġlu ieħor fuq ix-xellug qed iżomm strixxa bil-kliem *Ave Maris Stella.* Taħt riġlejn il-Madonna hemm serp u qamar".



Statwa ta' Santa Rita fil-Knisja ta' Santu Wistin, il-Belt Valletta.

Din il-vara baqgħet isservi bħala statwa titulari tal-parroċċa sal-1891, meta nġiebet minn Pariġi l-istatwa titulari ġdida, dik li naraw illum.



Statwa ta' San Franġisk fil-glorja f'Ħal Qormi.



Statwa ta' Marija Addolorata fil-Parroċċa ta' Stella Maris, Tas-Sliema.



Statwa ta' San Duminku fil-Knisja tal-Lunzjata, fil-Birgu.

Fis-sena 1894, Cremona ntgħażel biex jaħdem fil-kartapesta statwa tal-Madonna tad-Duluri għall-istess parroċċa. B'xorti ħażina, din l-istatwa, li kienet devota ħafna, sofriet ħsara irreparabbli nhar l-1 ta' Marzu 1942 meta ġġarrfet parti sew mill-knisja, speċjalment il-Kappellun tad-Duluri.

Kien f'dan iż-żmien ukoll li Vincenzo Cremona ħadem statwa ta' Santa Rita għall-Parroċċa ta' Stella Maris, b'radd ta' ħajr lil Alla għall-grazzja li kien irċieva proprju bl-interċessjoni ta' dan il-Qaddisa tal-Impossibbli. Iżda fl-20 ta' Mejju 1908, fuq suġġeriment ta' Dun Franġisk Manchè, il-Kappillan ta' din il-parroċċa, u bil-ħidma ta' Patri Wistin Cascun OSA, din l-istatwa għaddiet f'idejn il-Knisja tal-Patrijiet Agostinjani tal-Belt Valletta. Matul is-snin din l-istatwa ġibdet u għadha tiġbed eluf ta' devoti lejha u għaldaqstant hija l-iżjed statwa meqjuma mil-lat devozzjonali, maħduma minn Vincenzo Cremona.

**Tmiem ta' karriera**

Vincenzo Cremona, wara li nħakem minn bronkite qawwija, miet fid-dar tiegħu, Nru 50, Triq Falzon, Tas-Sliema, fil-12.15pm tas-27 ta' Jannar 1912, fl-età ta' 61 sena. Jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid, fil-qabar li jinsab fid-Diviżjoni Lvant, Sezzjoni S, Kompartiment L, Nru 4.

Ġimgħa wara, gazzetta lokali rrappurtat it-telfa ta' dan il-bniedem ta' ħila artistika kbira u wasslet, fil-qosor, tagħrif dwar ħajtu. Inkiteb hekk: "Nhar is-Sibt 27 ta' Jannar f'Tas-Sliema, wara marda krudila, miet is-Sur Vincenzo Cremona, magħruf minn kulħadd bħala wieħed mill-aħjar xenografi u statwarji wkoll, li kważi f'kull belt u f'kull raħal jinsabu vari u statwi minnu magħmula. Kien raġel dħuli u ta' manjieri l-aktar ħelwin u attraenti, u fost kollox reliġjuż kemm jista' jkun".

Karlu Darmanin sab mgħallmin oħra li imitawh, imma lil Cremona ma imitah ħadd, għaliex l-arti tiegħu hija aktar kappriċċuża u Barokka li trid studju speċjali, wisq differenti mil-linji klassiċi ta' Darmanin. Dnub li bosta mix-xogħlijiet tiegħu spiċċaw, u għalhekk dak li fadal jeħtieġ li jiġi kkonservat u indukrat sew, kemm għax jiswa għall-istorja tal-arti Maltija u kemm sabiex jitgawda mill-ġenerazzjonijiet futuri.



Il-qabar ta' Vincenzo Marija Cremona fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid.



Die 27 Januarii 1912

Vincentius M. Cremona

Vincentius Cremona annor 61 nat. Vallettae fil quondam Fran-
cisci et Paulae Bonello maritus Concettae Azzia SS Viatico
refectus et Extrema Unct. roboratus hodie animam suam Deo red-
didit. Die autem sequenti ejus cadaver ad coemeterium B.M.V. Addo-
lentis delatum et ibi in sepulchro prop. signato N. 4 Part. L, Sect. S,
Div. ad Orient. humatum est.

Ir-reġistrazzjoni tal-mewt ta' Vincenzo Cremona. *(Ħajr lill-Parroċċa ta' Stella Maris, Tas-Sliema)*

Referenzi:

1 Iben Vincenzo u Angelica Zimelli, Francesco twieled fis-16 ta' Diċembru u ġie mgħammed jumejn wara minn Patri Fortunato Coleiro OP fil-Parroċċa ta' Sidtna Marija ta' Porto Salvo (Parroċċa Sidtna Marija Porto Salvo, Valletta, *Liber Baptizatorum* 1818-1826, p. 208. F'din ir-reġistrazzjoni, l-ismijiet mogħtija fil-magħmudija huma f'dan l-ordni: Paolo, Francesco, Lorenzo, Filippo, Carmelo u Rosario. Il-parrini kienu Carmelo Perini u Helena Perini).

2 Parroċċa San Pawl Nawfragu, Valletta, *Liber Matrimoniarum* 1841-1862, p. 16.

3 Skont l-ordni kronoloġiku ta' twelidhom, l-aħwa Cremona kienu dawn: Maria Maddalena (t. 20 ta' April 1843), Maria Anna (t. 19 ta' Frar 1845), Maria Dominica (13 ta' Diċembru 1846), Maria Josepha (21 ta' Jannar 1849), Vincenzo Maria (t. 19 ta' Frar 1851), Raphaele (t. 21 ta' Novembru 1853), Alfonso (t. 16 ta' Novembru 1854), Spiridione (t. 1 ta' Awwissu 1856), u Elia (t. 17 ta' Lulju 1858).

4 Parroċċa Sidtna Marija Porto Salvo, Valletta, *Liber Baptizatorum* 1845-1851, p. 569. Milli jidher tawh l-ewwel isem ta' Vincenzo bħala tifkira tan-nannu li kien jismu wkoll Vincenzo Cremona.

5 Reġistru Pubbliku, Valletta, *Att tal-Mewt* nru 1141/1874 u reġistrazzjoni tad-Difna fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid. Fil-fatt, Francesco Cremona miet fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana, fl-għomor ta' 54 sena, fis-2.30pm tat-8 ta' April 1874. Fl-istess dokument hemm imniżżel li l-mejjet kellu r-residenza tiegħu f'Tas-Sliema.

6 *The Daily Malta Chronicle*, 20 ta' Novembru 1894, p. 5.

7 A. Miceli, *L-Istorja tal-Opra f'Malta (1866-2000)*, Malta 2001, p. 57.

8 Parroċċa Stella Maris, Sliema, *Liber Matrimoniarum*, II, Appendiċi, p. 581.

9 Kitba oħra tagħmel referenza għal *Att taż-Żwieġ* numru 866/1888 li jinsab fir-Reġistru Pubbliku u tagħti s-16 ta' Ottubru 1888 bħala d-data taż-żwieġ. Dan ma jaqbilx ma' kif hemm imniżżel fir-Reġistri tal-Parroċċa ta' Stella Maris, Tas-Sliema, ikkwotati hawn (ara E. Montanaro, "Vincenzo Maria Cremona", f'*Il-Belt Victoria tiċċelebra Festi Sollenni f'ġieħ il-Qaddis Patrun t'Għawdex San Ġorġ Megalomartri*, 1984, p. 57). Hawnhekk, jolqotna l-fatt li ż-żewġ xhieda kienu wkoll imwieda l-Belt Valletta u residenti Tas-Sliema.

10 Tajjeb hawn jingħad li l-istorja li jagħtina Giovanni Faurè (1837-1922), fl-erba' volumi tiegħu dwar l-istorja ta' Malta u Għawdex u l-ġrajjiet li seħħew fihom, ma ngabritx bil-metodu xjentifiku li jitlob dan ix-xogħol, u anki t-test jirrifletti nuqqas serju ta' kwalitajiet akkademiċi. Minkejja dan, dwar Vincenzo Cremona, dan l-istoriku wasslilna tagħrif li ma nsibuhx fi bnadi oħra.

11 G. Faurè, *L-Istorja ta' Malta u Għawdex bil-Gżejjer tagħhom u l-ġrajjiet li saru fihom*, IV, 1916, p. 1131. Ir-rabta ta' Cremona ma' dan it-tip ta' xogħol tidher sewwa fil-kitba taż-żwieġ li kienet saret fil-15 ta' Ottubru 1888 fid-dar ta' missier l-għarusa tiegħu f'62, Strada Reale, Tas-Sliema u ppubblikat min-Nutar Francesco Schembri Zarb (Arkivju Notarili, il-Belt Valletta, *Atti Nutar Francesco Schembri Zarb*, 15/10-1888, p. 1894).

12 *The Malta Times*, 31 ta' Mejju 1873, Supp., p. 1.

13 Kien qam ħafna għajdut ta' kif beda n-nar li qered għalkollox it-teatru. Filwaqt li kien hemm min qal li dan kien kastig ta' Alla għax l-opra li kienet qed issir kienet diżonesta, jidher li kienet ħadet in-nar parti mix-xenarju tal-karti, maħdum fuq disinn tal-pittur Giuseppe Calì (Miceli, *op. cit.*, p. 31).

14 *The Malta Times*, 6 ta' Ottubru 1877, p. 2.

15 Miceli, *op. cit.*, p. 21-67. Seta' kien E. Zimelli nnifsu li ħajjar u għen lil Vincenzo Cremona sabiex jilħaq xenografu fit-Teatru Rjal, iżda dwar dan ma hemmx ċertezza.

16 Dawn kienu swew £308. 4s (Miceli, *op. cit.*, p. 53).

17 Miceli, *op. cit.*, p. 57.

18 L-ewwel xogħol ta' kompożitur Malti li deher fuq il-palk tat-Teatru Rjal kienet l-opra *I Cavalieri di Malta,* tal-kompożitur Malti Mro Antonio Nani. Kienet ittellgħet fis-16 ta' Jannar 1880.

19 *The Daily Malta Chronicle*, 15 ta' Jannar 1889, p. 4.

20 Miceli, *op. cit.*, p. 89.

21 *The Malta Times*, 11 ta' Diċembru 1891, p. 2.

22 Miceli, *op. cit.*, p. 104.

23 *Malta Tagħna*, 21 ta' Marzu 1903, p. 5.

24 Fl-1891, meta Cremona kien qed jaħdem fuq il-figuri tas-suldati biex jakkumpanjaw l-istatwa ta' Kristu Rxoxt għall-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, inkiteb li *"l'artista Vincenzo Cremona, noto sinora per le sue bellissime scene e per altri lavori del genere"* (*L'Ordine*, 11 ta' Marzu 1891, p. 2).

25 Fi żmien meta l-arti ta' statwi maħduma fil-kartapesta kienet qed tilħaq il-qofol tagħha, Cremona seta' ħa l-inizjattiva hu nnifsu jew ġie mħajjar minn ħaddieħor.

26 *Il Portafoglio Maltese*, 19 ta' Settembru 1895, p. 3.

27 *"Splendissima riusci alla Sliema la Festa Nazionale dell'Otto Settembre, ivi celebrate Domenica ultima... La sera l'illuminazione fu molto brillante, e una novità furono i quadri plastici ideate e diretti dal velante artista Vincenzo Cremona, che riscossero l'ammirazione e il plauso di tutti..."* (*Malta – Corriere Mercantile Maltese,* 17 ta' Settembru 1895, p. 3).

28 It-teknika tal-kartapesta użata minn Vincenzo Cremona hija differenti minn dik użata mill-bqija tal-istatwarji Maltin. Il-metodu tiegħu jissejjaħ *papier-collé* u mhux *papier-mâché* kif tissejjaħ il-kartapesta bl-Ingliż. Għal aktar dwar it-teknika u l-istil tal-istatwi ta' Vincenzo Maria Cremona, ara V. Caruana, "Għeluq il-Mitt sena mill-Mewt ta' Vincenzo Maria Cremona", f'*Programm Festa Marija Annunzjata, Każin Banda San Gabriel*, Ħal Balzan, Festa 2012, p. 102.

29 R. Bonnici Calì, "Żvilupp tal-Festi Tagħna", f'*Il-Pronostku Malti*, 1982, p. 131.

30 Ġeneralment, kummissjonijiet għal xogħlijiet fil-kartapesta ma kinux iseħħu permezz ta' xi atti notarili, iżda permezz ta' ftehim verbali. Għalhekk, hu diffiċli li tinstab xi tagħrifa dwar ħidmet Cremona f'dan il-qasam f'xi kuntratt legali.

31 Din l-istatwa, li nħadmet fl-1894 u żżanżnet għall-Festa tal-1895, kienet l-ewwel statwa tad-dimostrazzjoni f'Għawdex. Ġiet ordnata mis-Soċjetà Filarmonika La Stella għall-festi ta' barra (*Malta Tagħna*, 3 ta' Novembru 1894, p. 4, u 17 ta' Novembru 1894, p. 4). Fl-ewwel referenza nsibu wkoll li l-korrispondent jgħaddi kumment niggieżi waqt li jikteb: "Imbagħad għandna ċerti prokuraturi li jmorru jhaddmu artisti ta' barra għax f'Malta ma għandniex min jaf jaħdem". Fit-tieni referenza niġu infurmati li Cremona "qiegħed ilesti wkoll żewġ statwi oħra, omm u missier San Ġorġ, għal Għawdex ukoll". Hawn, iżda, il-korrispondent qed jalludi għall-istatwi ta' omm u missier San Ġorġ li saru għal Ħal Qormi. Dawk ta' Għawdex huma xogħol Wistin Camilleri.

32 *The Daily Malta Chronicle*, 20 ta' Novembru 1894, p. 5.

33 Meta ngħidu xbieha allegorika nkunu qed infissru xbieha li tippersonifika xi ħaġa astratta. Eżempju popolari huwa l-Ġustizzja, li hija kunċett astratt li jiġi ppersonifikat f'figura femminili b'għajnejha mgħottija u bil-miżien u x-xabla f'idejha. B'hekk ikun aktar faċli li dan il-kunċett jinftiehem. L-istess jiġu ppersonifikati l-virtujiet u l-pajjiżi.

34 Dawn saru fl-1894 (K. Apap, "San Ġorġ u l-Għawdxin: Daqqa ta' għajn lejn is-snin l-imgħoddija", f'*Il-Berqa*, 16 ta' Lulju 1953, p. 7).

35 Dan kien sar fl-1892.

36 Din saret fiż-żmien meta l-Banda Leone kienet tiffesteġġja l-Festa ta' San Alwiġi fil-Belt Victoria (G. Grech, *Ġrajjiet is-Soċjetà Filarmonika u Mużikali Leone Għawdex*, 2012, p. 53).

37 Aktar 'il quddiem, meta fl-1952 Wistin Camilleri ħadem l-istatwa tal-Papa Piju XII, il-Papa tal-Assunta, dawn bdew jintramaw fuq it-turġien tal-Knisja Katidrali (A. Schembri, "Il-Papa Ljun XIII u r-rabta singulari mal-Bażilika Karmelitana", f'*Festa Madonna tal-Karmnu*, Valletta 2018, p. 54).

38 Tant kien kbir l-entużjażmu tal-poplu quddiem din l-istatwa li saħansitra kienet inkitbet poeżija ta' tmien strofi biex tirreġistra l-inawgurazzjoni tagħha. Nislet hawn żewġ strofi: "Sa dak il-ħin / imqarraq bqajt / li kienet statwa / domt ma ndunajt / għax dik l-istatwa / jonqosha l-kliem / bravu Cremona / għadda 'l quddiem. Int ħadt is-sengħa / ta' veru artista / ġagħaltha titkellem / il-kartapesta. / L-anġli tal-palk, / u l-anġli l-oħra / ħajtek urejthom / int għal darb'oħra" (G. Grech, "Il-Banda Leone: Ġrajja ta' 5 anniversarji", f'*Pubblikazzjoni Annwali Soċjetà Filarmonika Leone*, Victoria, Għawdex, Festa Santa Marija 1983, p. 14).

39 *Malta Tagħna,* 17 ta' Novembru 1894 p. 4. Ara wkoll nota 32.

40 Faurè, *op. cit.*, p. 1132.

41 L-erba' kontinenti kienu jiġu rrappreżentati bħala allegorija ta' erba' nisa li bil-kulur tal-ġilda, bl-ilbies u bit-tiżjin tagħhom, kienu jixhdu l-kultura tal-popli tagħhom. Dawn kienu ntramaw għall-aħħar darba fil-Festa 1984-1985 meta ġarrbu ħsara irreparabbli bil-maltemp (Ħajr lis-Sur Robert Cassar għal dan it-tagħrif).

42 *Malta Tagħna*, 8 ta' Frar 1896, p. 3.

43 Kemm tal-istatwa tal-Malta u kemm ta' dan il-monument kienet saret replika minn Michael Camilleri Cauchi.

44 Dawn l-erba' statwi llum jintramaw fi Pjazza San Ġwann.

45 *Malta Tagħna*, 20 ta' Awwissu 1898, p. 2. Dawn l-erba' anġli kienu twarrbu biex saru oħrajn ġodda, iżda b'xorti tajba dawn ġew irrestawrati u jintużaw fil-Kwaranturi li jsiru fil-Ġimgħa Mqaddsa u mal-Altar tar-Repożizzjoni f'Ħamis ix-Xirka fil-Kolleġġjata Vittoriosana.

46 P.P. Castagna, *Malta bil-Gżejjer Tagħha*, III, 1865, p. 215. Filwaqt li l-istatwi taż-żewġ qaddisin ġew tant irrestawrati li ftit li xejn jista' jingħad li huma ta' Cremona, dik tal-beatu tinsab fi stat ħażin u m'għadhiex tintrama (Ħajr lil Vincent Demanuele għal dan it-tagħrif).

47 *Malta Tagħna*, 18 ta' Mejju 1895, p. 3.

48 Castagna, *op. cit.*, p. 216. Minn dawn, l-istatwi tal-Papiet għadhom jeżistu, imma ma jintramawx għax huma fi stat ħażin, u l-istatwa tal-Gran Mastru m'għadhiex teżisti (Ħajr lill-Perit Anthony Gatt għal dan it-tagħrif).

49 Jidher li l-ewwel kuntratt ta' Cremona f'Ħal Għaxaq kien is-sett tal-Appostli li sar esklussivament biex jintrama għall-Festa titulari biss. Fil-fatt, l-ewwel tnejn – San Ġwann u San Pietru – tbierku fil-knisja fis-7 ta' Awwissu 1892 (*Malta – Corriere Mercantile Maltese*, 5 ta' Awwissu 1892, p. 2). Ara wkoll Ittra lill-Editur f'*Malta Tagħna*, 4 ta' Awwissu 1894, p. 3.

50 Sa issa ma jidher li nstabet l-ebda dokumentazzjoni dwar l-istatwa tal-Inkurunazzjoni, iżda l-istatwi minnhom infushom jixhdu lil min ħoloqhom. L-istatwa turi d-dinamiżmu ta' Cremona fil-pożizzjoni ta' Kristu bil-mantell imtajjar b'mod goff u xebh kbir ma' statwi oħra tiegħu kemm fl-uċuħ u kemm fil-pożizzjonijiet. Din l-istatwa x'aktarx li nħadmet fil-bidu tas-seklu għoxrin meta l-istatwarju kien fl-aqwa tiegħu (A. Schembri, "Xogħlijiet l-Istatwarju u Xenografu Vincenzo Maria Cremona fil-Festa tal-Parroċċa ta' Ħal Għaxaq", f'*Għaqda Mużikali Santa Marija*, Ħal Għaxaq, Festa 2015, p. 56).

51 *Malta Tagħna*, 9 ta' Settembru 1896, p. 7. Cremona ħadem ukoll statwa ta' Malta għall-Festa ta' Marija Bambina fix-Xagħra, Għawdex.

52 *"We were also much impressed with the emblematic figure (not yet finished) representing Malta, with her good red and white Banner, which we learn is to be completed for the feast of San Pubblio"* (*The Daily Malta Chronical*, 20 ta' Novembru 1894, p. 5). Din l-istatwa ma għadhiex teżisti, bħalma spiċċat ukoll l-istatwa ta' Malta li Cremona kien ħadem għall-Festa ta' San Gejtanu fil-Ħamrun (*Malta Tagħna*, 3 ta' Awwissu 1901, p. 4).

53 Kien dan il-Papa li fl-1890 approva li l-Festa ta' San Publiju ssir Solennità għal Malta kollha.

54 A. Schembri, "Il-Papa Ljun XIII u r-rabta singulari mal-Bażilika Karmelitana", f'*Festa Madonna tal-Karmnu*, Valletta 2018, p. 51.

55 Malta – Corriere Mercantile Maltese, 27 ta' Awwissu 1895, p. 2. Ma' dan għandu jingħad li f'Ġunju ta' kull sena, iċ-Circolo Nazionale Ceschi (inawgurat fix-Xatt ta' Tas-Sliema f'Mejju 1886 u msemmi għal Fra Giovanni Battista Ceschi a Santa Croce, Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann mill-1879 sal-1905) u s-Società Filarmonica I Cavalieri di Malta kienu jorganizzaw fix-Xatt ta' Tas-Sliema festa ta' San Ġwann Battista, il-Patrun tal-Kavallieri ta' Malta. Għall-festa ta' dan il-qaddis, li ċċelebraw fl-1888, kienu talbu lil Cremona jaħdmilhom statwa li tirrappreżenta lil Malta. Din kienet tqiegħdet fuq il-bieb prinċipali taċ-Circolo Nazionale Ceschi (ara Malta – Corriere Mercantile Maltese, 26 ta' Lulju 1888, p. 3).

56 N. Vella, "L-Armar tal-Festa: Opri ġodda u Manutenzjoni", f'*Każin Banda San Gabriel*, Ħal Balzan, Festa 2004, p. 55.

57 V. Caruana, "Għeluq il-Mitt sena mill-Mewt ta' Vincenzo Maria Cremona", f'*Każin Banda San Gabriel*, Ħal Balzan, Festa 2012, p. 104.

58 A. Deguara, "Il-pedestall u l-istatwa ta' Ġuditta matul iż-żminijiet", f'*Każin Banda San Gabriel*, Festa 2002, p. 49.

59 Caruana, *op. cit.*, p. 106. Is-Sena Mqaddsa 1900 tissemma wkoll bħala dik li fiha saret din l-istatwa b'inizjattiva ta' Edoardo Borg li kien President tal-Casino L'Annunziata (A. Camilleri, "L-Istatwi tal-Festa li jżejnu t-toroq ta' Ħal Balzan", f'*Każin Banda San Gabriel*, Ħal Balzan, Festa 2010, p. 83, u C. Bezzina, *Ħal Balzan u l-Lunzjata u kitbiet oħra*, 2011, p. 58).

60 Din l-istatwa kienet tintrama fuq pedestall għoli li, mad-dawra tiegħu, kien hemm numru ta' anġli jżommu simboli Ewkaristiċi, u fuq pedestall iżjed għoli minnhom kienet titqiegħed l-istatwa tal-Papa qiegħed ibierek (ara Camilleri, *op. cit.*, p. 84).

61 *Malta – Corriere Mercantile Maltese*, 21 ta' Marzu 1899, p. 3: *"E molto ammirati furono due angeli in cartapesta ed un altra statua rappresentante Malta nuovi lavori del Sig. Vincenzo Cremona…"*.

62 M. Buhagiar, *St. Catherine of Alexandria*, Malta 1979, p. 221. L-istatwa tal-Martirju tar-Rota ta' Santa Katerina Verġni u Martri fiż-Żurrieq saret fl-1896 (*Malta Tagħna*, 25 ta' Novembru 1896). Ara wkoll G. Gauci, "Ta' b'Għaxra", fi *Programm Festa Santa Katerina V.M.* (tal-Armar), Żejtun 1989, u J.C. Camilleri, "Vincenzo Maria Cremona: 150 sena mit-twelid ta' xenografu u statwarju", f'*Il-Mument*, 11 ta' Frar 2001, p. 20.

63 R. Bonnici Calì, "Artisti li niftakar: Statwarji tal-Kartapesta", f'*Leħen is-Sewwa*, 19 ta' Mejju 1984, p. 5.

64 Cremona ħadem ukoll numru ta' statwi għal barra minn Malta. Fosthom ħadem San Pietru, San Pawl u Kurċifiss għal knisja Maltija fi Tripli.

65 Din l-istatwa, li tħallset min-negozjant Antonio Callus, ġiet imżanżna fil-festa li saret fis-17 ta' Frar 1895 (*Malta Tagħna*, 16 ta' Frar 1895, p. 4).

66 J.F. Grima, "Maltese sculptors and statuaries", f'*The Democrat*, 18 ta' Marzu 1989, p. 11.

67 "Dawk li raw l-istatwa stqarrew kemm Cremona kellu biex jiftaħar. Wiċċ l-istatwa hu tant perfett li donnu ser ikellmek. Intgħoġbot ukoll il-pożizzjoni tal-qaddis…Is-Sur Cremona li kien il-knisja ġie bosta mfaħħar u illodat min-nies tal-Birgu, u b'mod speċjali mill-Pirjol [Patri Dumink Pace OP], tal-opra li bil-ħila u l-għerf tiegħu żejjen lill-Belt Vittoriosa" (*Malta Tagħna*, 14 ta' Settembru 1895, p. 3). Minħabba diversi ċirkustanzi, anki dawk li seħħew f'dik is-sena stess, din l-istatwa ħarġet proċessjonalment għall-ewwel darba fil-festa tal-1907 u magħha ġew imżanżna l-bradella, il-bankun u l-pedestall tal-fidda li naraw illum (*Malta Tagħna*, 12 ta' Ottubru 1907, p. 3). Fl-1913 sabet postha f'wieħed mill-kurituri tal-kunvent, għaliex issa kienet waslet statwa ġdida minn Lecce, sakemm b'xorti ħażina nqerdet f'Jannar 1941 meta, b'ħidmet l-għadu, sfaw imġarrfa kemm il-Knisja tal-Lunzjata u kemm il-Kunvent tad-Dumnikani. L-istess xorti messet lill-istatwa ta' San Filippu Neri li Cremona kien ħadem għall-Knisja ddedikata lill-istess qaddis fil-Birgu wkoll.

68 Il-permess biex, f'Tas-Sliema, tinħareġ statwa titulari fil-purċissjoni tal-festa, inħareġ fl-1886 mill-Isqof Mons. Anton M. Buhagiar OFMCAP, Amministratur Appostoliku tad-Djoċesi ta' Malta. Mal-ħruġ ta' dan il-permess, l-ewwel Slimiżi kienu ħerqana li jkollhom statwa titulari. Huma qabbdu lill-istatwarju Senglean Karlu Darmanin biex jagħmel mudell għall-istatwa l-ġdida, iżda dan ma ntgħoġobx. Tqabbad allura l-istatwarju Vincenzo Cremona biex joħloq statwa hu (M. Busietta, *Tas-Sliema: Il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris*, 1978, p. 52).

69 *"La bellissima statua di N.S. sotto il titolo di Stella Maris, testè compita dal bravo Artista Signor Vincenzo Cremona per la chiesa parrocchiale omonima della Sliema e tale uno insigne lavoro d'arte che ha riscosso le piu belle lodi di quanti l'hanno ammirata. Il simulacro e di carta pesta colorito e dorato a perfezione. Rappresenta la Beata Vergine che sospesa sulle ondi di un mar tempestoso ne calma col canno della mano possente le furibonde ire – Il-panneggio e d'uno morbidezza e maesta sorprendente specialmente il manto che sorvola sulle onde irate, e la disposizione della stella che dei suoi raggi circonda l'effigie e di grande effetto. Ai piedi del simulacro, nel centro, un' ancora rotta, mezzo sommersa, emerge dal mare tenuta da un vezzoso angioletto mentre un altro cherubino alle dritta prega colle braccia stese, ed un terzo alla sinistra tiene una striscia su cui sta scritto Ave Maris Stella. Il serpent e la luna giaccion sotto ai piedi della statua. L'idea e l'esecuzione valgano una volta ancora a raffermare l'opinione gia stabilita, che il signor Vincenzo Cremona e un onore all'arte ed all'isola che gli diè i natali"* (*Fede ed Azione*, 1 ta' Settembru 1887, p. 2). B'xorti ħażina kbira jidher li lanqas din l-istatwa ta' Cremona, li żżanżnet għall-Festa tal-1888, ma kienet wisq għal qalb is-Slimiżi ta' Stella Maris. Kienu Dun Ġużepp Fabri u s-Sinjuri Carmelo u Alberto Debono li ħabirku biex jiġbru u jordnaw statwa ġdida (M. Formosa Holt, "L-Istatwa titulari ta' Stella Maris", f'*Il-Mument*, 24 ta' Awwissu 1997, p. 18).

70 *"La statua è di una della migliori fabbriche di Parigi. Il disegno è – ci si dice – del Rev. Enrico M. Sayan, sull'idea del Cav. Gagliardi. Il piedestallo è lavoro del Maestro Paolo Bugeja. L'indoratura di questo è del' Maestro Giuseppe Farrugia. La predella, che è di legno di noci, a intaglio, è stata lavorata dal Maestro Giacomo Debono"* (*Malta – Corriere Mercantile Maltese*, 22 ta' Awwissu 1891, p. 2). B'xorti ħażina ħadd ma sar jaf x'sar minn din l-istatwa u ma jeżisti l-ebda ritratt tagħha.

71 *Malta – Corriere Mercantile Maltese*, 26 ta' Marzu 1894, p. 3.

72 Kien hemm tentattiv biex tiġi salvata l-maskra tal-wiċċ u terġa' tissawwar statwa ġdida. Dan it-tentattiv ma kienx irnexxa u fl-1950 inġiebet statwa ġdida li nħadmet fi Franza.

73 L-ewwel din l-istatwa għamlet xi żmien fil-Kappella tas-Sagrament fejn illum hemm il-Kurċifiss. Wara tqiegħdet fin-niċċa fejn illum hemm il-Wiċċ ta' Kristu. Wara l-parir tal-Perit Salvu Sacco, il-patrijiet iddeċidew li jagħmlulha niċċa fejn tinsab illum (M. Cauchi, *L-Istorja tal-Knisja ta' Santu Wistin il-Belt Valletta*, Malta 1997, p. 142).

74 Parroċċa Stella Maris, *Liber Defunctorum*, II, p. 380, u Reġistru Pubbliku, Valletta, *Att tal-Mewt* nru 403/1912.

75 *Malta Tagħna*, 3 ta' Frar 1912, p. 4.

76 Bonnici Calì, *op. cit.*, 1984, p. 5.